# FIL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 19 ta' Mejju 2022**

**Att t'akkuża numru 1/2020 fl-ismijiet:**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**OMISSIS**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-att tal-akkuża migjuba fil-konfront tal-akkużat **OMISSIS** ta' 35 sena, iben John u Rita nee` Micallef imwieled fl-10 ta' Mejju, 1985 gewwa l-Pieta` u detentur tal-karta tal-idenita` bin-numru: 259585(M) fejn ġie akkużat talli :

| |
|---|
| **L-EWWEL (1) KAP: Stupru Vjolenti.** |

**Il-fatti:**

Illi fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), OMISSIS1 (detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru: 102588M) irraportat gewwa l-Ghassa tal-Hamrun kif is-sieheb taghha, OMISSIS, kien ilu diversi snin jghaddieha minn episodji ta' vjolenza domestika. XXXXXXXXX rraportat kif l-akkuzat XXXXXX kien kkommetta

stupru vjolenti fuq il-persuna taghha f'iktar minn okkazjoni wahda u dan anki bl-uzu ta' vjolenza fizika u b'theddid ta' arma.

Illi XXXXXXXXX rraportat kif l-episodji ta' stupru u cioe' il-penetrazzjoni, bi vjolenza, tal-organu genitali tal-akkuzat XXXXXX gewwa l-organu genitali taghha minghajr il-kunsens taghha, sehhew matul il-perjodu ta' konkubinagg mal-akkuzat fir-residenzi li hija ghexet fihom mieghu gewwa Birkirkara u l-Hamrun u saru fil-perjodu ta' bejn l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fix-xhur u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data. Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rrizulta li l-akkuzat u l-vittma l-ewwel kienu jghixu flimkien gewwa r-residenza tal-akkuzat f'Birkirkara fi Blokk H, Flat 4, Triq Nazju Falzon u minn Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) bdew joqghodu flimkien f'residenza numru 119A, Triq San Gaetano, il-Hamrun.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rrizulta kif fil-perjodu ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-akkuzat OMISSIS dahal id-dar li kien jghix fiha ma' OMISSIS1 gewwa l-Hamrun kmieni filghodu b'riha ta' xorb f'halqu u hekk kif dahal fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm XXXXX rieqda tefghalha tazza ilma f'wiccha, qabez fuqha u beda jsawwatha billi jxejrilha daqqiet ta' ponn go wiccha, jitkellem b'mod vulgari u jghajjarha. Hekk kif irnexxielha tizgiccalu, XXXXX marret fil-kamra tal-banju sabiex tipprova twaqqaf id-demm li kien hiereg minn ghajnejha x-xellugija izda l-akkuzat XXXXXX baqa' jsegwieha u jrossha. Fid-daghdieha li kien fiha, l-akkuzat ried ukoll l-*password* tal-*mobile* ta' XXXXX u meta ra li din ma riditx tathielhu qabad u sabbat il-*mobile* taghha mal-art bil-konsegwenza li dan inkiser. XXXXX nizlet fis-sular ta' isfel biex tipprova tahrab mill-akkuzat ghax bdiet tibza' li s-sitwazzjoni kienet ser tkompli tiskala izda huwa ma hallihiex tahrab mid-dar u qallha li jekk kienet sejra ccempel lill-Pulizija kien sejjer iweggaghha. L-akkuzat baqa' jsegwieha, irossha u jzommha kontra l-volonta' taghha u sahansitra kif harbet ghal gol-kcina, l-akkuzat beda jghidilha li ried li jkollu rapport sesswali maghha. XXXXX ppruvat tirrezistieh u tghidlu li ma tridx li jkollha rapport sesswali mieghu izda l-akkuzat hareg is-skieken mill-kexxun tal-kcina, tefghahom fuq il-bank u heddidha li jekk ma kinitx se jkollha rapport sesswali mieghu kien se jxerred kull m'hemm demm biha. XXXXX, imbezza' kif kienet, kontra l-volonta taghha, cediet ghall-aggressjoni tieghu u l-akkuzat **ippenetra l-parti genitali ta' OMISSIS1 bil-parti genitali tieghu biex b'hekk kien hemm stupru u cioe' kongungiment karnali bi vjolenza.**

Illi kif l-akkuzat lesta jistupraha lil XXXXX, tela' 'l fuq jorqod u l-vittma wzat kamera tar-ritratti sabiex tiffotografa l-ferita li kien ghamlilha f'wiccha b'mod specjali mad-dawra ta' ghajnejha fejn kien xejrilha d-daqqa ta' ponn. Xi jiem wara dan l-episodju u precizament fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) marret ic-Centru tas-Sahha tal-Mosta sabiex tigi nvistatha u sabiex il-griehi subiti jigu ccertifikati minn tabib.

Illi rrizulta wkoll li dan imsemmi hawn fuq ma kinx l-unika episodju ta' stupru li kkommetta OMISSIS fuq il-persuna ta' OMISSIS1. Dan hekk kif fil-perjodu ta' bejn Marzu u Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), gewwa r-residenza taghhom il-Hamrun, l-akkuzat XXXXXX rega' **stupraha bi vjolenza jigifieri dahhal il-parti genitali tieghu gewwa l-parti genitali** ta' XXXXX **minghajr il-kunsens taghha**. XXXXX ghal darba ohra ppruvat tirrezistieh izda XXXXXX beda jheddidha li kien

sejjer jaghmel wahda minn tieghu kemm -il darba din ma kinitx sejra toqghod ghall-volonta’ tieghu.

Illi finalment, nhar l-ghoxrin (20) ta’ Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), wara episodju iehor ta’ vjolenza fejn l-akkuzat XXXXXX taha daqqa ta’ ponn fl-istonku lil XXXXX, hija marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Hamrun u marret ic-Centru tas-Sahha tal-Mosta sabiex ticcertifika l-griehi subiti. Minn hemmhekk, il-Pulizija tal-Iskwadra kontra l-Vizzji bdew bl-investigazzjonijiet taghhom kontra OMISSIS liema investigazzjoni wasslet ghall-arrest tieghu u sussegwentement nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzat bir-reati mertu ta’ dan il-kaz.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-hmistax (15) ta’ Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) per Magistrat Natasha Galea Sciberras B.A., LL.D, l-akkuzat OMISSIS kien instab hati ta’ diversi delitti.

**Il-konsegwenzi:**

Illi ghalhekk, b’ghemilu, l-akkuzat OMISSIS sar hati li fil-perjodu ta’ bejn l-ghoxrin (20) ta’ Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel din id-data, gewwa Birkirkara u l-Hamrun u f’partijiet ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bi vjolenza kkommetta stupru fuq il-persuna ta’ OMISSIS1, liema stupru wassal ghall-hsara harxa psikologika tal-vittma u dan sehh filwaqt li kienu jghixu fl-istess dar u b’mod li giet ukoll offiza fuq il-persuna taghha u mhedda bl-uzu ta’ arma; kif ukoll li rrenda ruhhu recediv.

**L-akkuza:**

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar ‘l fuq f’dan il-Kap tal-Att ta’ Akkuza, jakkuza lill-imsemmi OMISSIS talli fil-perjodu ta’ bejn l-ghoxrin (20) ta’ Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel din id-data, gewwa Birkirkara u l-Hamrun u f’partijiet ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bi vjolenza kkommetta stupru fuq il-persuna ta’ OMISSIS1, liema stupru wassal ghall-hsara harxa psikologika tal-vittma u dan sehh filwaqt li kienu jghixu fl-istess dar u b’mod li giet ukoll offiza fuq il-persuna taghha u mhedda bl-uzu ta’ arma;

U billi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-hmistax (15) ta’ Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) per Magistrat Natasha Galea Sciberras B.A., LL.D, l-akkuzat OMISSIS kien instab hati ta’ diversi delitti.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jsir skont il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat OMISSIS u li jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn tmien (8) snin sal-ghomor bir-rekluzjoni u dan skont dak li hemm fl-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 198, 202(f)(h)(v)(j)(l)(m) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

## IT-TIENI (2) KAP: *Sekwestru tal-persuna kontra l-Ligi.*

**Il-fatti:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuża, mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rrizulta kif fil-perjodu ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-akkuzat OMISSIS dahal id-dar li kien jghix fiha ma' OMISSIS1 gewwa 119A, Triq San Gaetano, il-Hamrun kmieni filghodu b'riha ta' xorb f'halqu u hekk kif dahal fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm XXXXX rieqda tefghalha tazza ilma f'wiccha, qabez fuqha u beda jsawwatha billi jxejrilha daqqiet ta' ponn go wiccha, jitkellem baxx u jghajjarha. Hekk kif irnexxielha tizgiccalu, XXXXX marret fil-kamra tal-banju sabiex tipprova twaqqaf id-demm li kien hiereg minn ghajnejha x-xellugija izda l-akkuzat XXXXXX baqa' jsegwieha u jrossha. Fid-dadieha li kien fiha, l-akkuzat ried ukoll l-password tal-mobile ta' XXXXX u meta ra li din ma riditx tathielhu qabad u sabbat il-mobile taghha mal-art bil-konsegwenza li dan inkiser. XXXXX nizlet fis-sular ta' isfel biex tipprova tahrab mill-akkuzat ghax bdiet tibza' li s-sitwazzjoni kienet ser tkompli tiskala izda huwa ma hallihiex tahrab mid-dar u qallha li jekk kienet sejra ccempel lill-Pulizija kien sejjer ixerred kull m'hemm dmija biha. L-akkuzat baqa' jsegwieha, irossha u jzommha kontra l-volonta' taghha u sahansitra kif harbet ghal gol-kcina, l-akkuzat beda jghidilha li ried li jkollu rapport sesswali maghha. XXXXX ppruvat tirrezistieh u tghidlu li ma tridx li jkollha rapport sesswali mieghu izda l-akkuzat hareg is-skieken mill-kexxun tal-kcina, tefghahom fuq il-bank u heddidha li jekk ma kinitx se jkollha rapport sesswali mieghu kien se jxerred kull m'hemm demm biha. XXXXX, imbezza' kif kienet, kontra l-volonta taghha, cediet ghall-aggressjoni tieghu u l-akkuzat stupraha.

Illi ghalhekk, OMISSIS1 **ma setghetx tahrab liberament** minn taht il-hakma tal-akkuzat ghaliex bil-forza zammha kontra l-volonta' taghha bhala mezz sabiex hija tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u cioe' l-istupru.

Illi rrizulta wkoll li dan imsemmi hawn fuq ma kienx l-unika episodju ta' stupru li kkommetta l-akkuzat XXXXXX fuq il-persuna ta' OMISSIS1. Dan hekk kif fil-perjodu ta' bejn Marzu u Gunju tal-imsemmija sena, gewwa r-residenza taghhom 119A, Triq San Gaetano, il-Hamrun. l-akkuzat XXXXXX rega' stupraha bi vjolenza. Ghal darba ohra XXXXX **ma setghetx tahrab liberament** minn taht il-hakma tieghu ghaliex bil-forza zammha kontra l-volonta' taghha bhala mezz sabiex hija

tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u cioe' l-istupru.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) per Magistrat Natasha Galea Sciberras B.A., LL.D, l-akkuzat OMISSIS kien instab hati ta' diversi delitti.

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat OMISSIS sar ħati talli fil-perjodu ta' bejn l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, gewwa Birkirkara u l-Hamrun u f'partijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil OMISSIS1 kontra l-volonta' taghha u dan biex din tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha; kif ukoll li rrenda ruhhu recediv.

**<u>L-akkuża</u>:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi OMISSIS talli fil-perjodu ta' bejn l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, gewwa Birkirkara u l-Hamrun u f'partijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil OMISSIS1 kontra l-volonta' taghha u dan biex din tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

U billi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) per Magistrat Natasha Galea Sciberras B.A., LL.D, l-akkuzat OMISSIS kien instab hati ta' diversi delitti.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat OMISSIS u illi hu jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ghal zmien minn hames (5) snin sa ghoxrin (20) sena u dan

skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 86, 87(1)(c)(g)(h), 88 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

## IT-TIELET (3) KAP: *Offiza Gravi fuq il-Persuna.*

**Il-fatti:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fil-Kapi precedenti tal-Att ta' Akkuża, nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) OMISSIS1 rraportat l-Ghassa tal-Hamrun illi s-sieheb taghha OMISSIS kien ilu minn tal-inqas tlett (3) snin jghaddieha minn episodji ta' swat u kien ukoll stupraha f'iktar minn okkazjoni wahda bi sforz, forza u b'theddida ta' arma. XXXXXXXXX stqarret mal-Pulizija kif kien hemm episodju fl-ghaxra (10) Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn l-akkuzat OMISSIS kien refa' jdejh fuqha u taha diversi daqqiet ta' ponn fuq wiccha u dan gewwa r-residenza taghhom f'Birkirkara, Blokk H, Flat 4, Triq Nazju Falzon. XXXXX rrakkontat lill-Pulizija illi wara dan l-episodju ta' swat, hija marret sabiex tigi nvistatha minn tabib gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Mosta fejn hemmhekk giet invistata u mdewwijja minn Dr. Ramon Scerri (numru ta' registrazzjoni mediku: 1986). Minn vista illi ghamlilha Dr. Ramon Scerri, XXXXX giet iccertifikatha li kienet qeghda **tbati minn griehi ta' natura gravi** konsistenti f'nefha, tbengil fl-imnieher dovut ghall-ksur tal-ghadma tal-imnieher kagun tad-daqqiet fil-wicc li xejrilha l-akkuzat OMISSIS. Kellha wkoll nefha u tbengil mad-dawra tal-ghajn u fuq il-warda tal-wicc tax-xellug. Dawn il-griehi nflitti mill-akkuzat fuq XXXXXXXXX zammew lil din tal-ahhar ghal tletin gurnata milli tirraporta ghax-xoghol taghha.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) per Magistrat Natasha Galea Sciberras B.A., LL.D, l-akkuzat OMISSIS kien instab hati ta' diversi delitti.

**Il-konsegwenzi:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat OMISSIS sar hati talli fl-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) gewwa Blokk H, Flat 4, Triq Nazju Falzon, Birkirkara, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' persuna f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' OMISSIS1; kif ukoll li rrenda ruhhu recediv.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta'

Akkuża, jakkuża lill-imsemmi OMISSIS talli nhar l-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) gewwa Blokk H, Flat 4, Triq Nazju Falzon, Birkirkara minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' persuna f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' OMISSIS1;

U billi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) per Magistrat Natasha Galea Sciberras B.A., LL.D, l-akkuzat OMISSIS kien instab hati ta' diversi delitti.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat OMISSIS u illi hu jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn hames (5) xhur sa disa' (9) snin skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 216, 222(1)(a), u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**IR-RABA' (4) KAP: *Offiza Hafifa fuq il-Persuna.***

**<u>Il-fatti</u>:**

Illi fl-isfond tac-cirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fil-Kapi precedenti tal-Att ta' Akkuża, nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) OMISSIS1 rraportat l-Ghassa tal-Hamrun illi s-sieheb taghha OMISSIS kien ilu minn tal-inqas tlett (3) snin jghaddieha minn episodji ta'vjolenza domestika. Fil-perjodu ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-akkuzat OMISSIS dahal id-dar li kien jghix fiha ma' OMISSIS1 gewwa l-119A Triq San Gaetano Hamrun kmieni filghodu u hekk kif dahal fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm XXXXX rieqda tefghalha tazza ilma f'wiccha, qabez fuqha u beda jsawwatha billi jxejrilha daqqiet ta' ponn go wiccha, jitkellem b'mod vulgari u jghajjarha. Hekk kif irnexxielha tizgiccalu, XXXXX marret fil-kamra tal-banju sabiex tipprova twaqqaf id-demm li kien hiereg minn ghajnejha x-xellugija izda l-akkuzat XXXXXX baqa' jsegwieha u jrossha. Fid-daghdieha li kien fiha, l-akkuzat ried ukoll l-*password* tal-*mobile* ta' XXXXX u meta ra li din ma riditx tatihielhu qabad u sabbat il-*mobile* taghha mal-art bil-konsegwenza li dan inkiser.

XXXXX nizlet fis-sular ta' isfel biex tipprova tahrab mill-akkuzat ghax bdiet tibza' li s-sitwazzjoni kienet ser tkompli tiskala izda huwa ma hallihiex tahrab mid-dar u qallha li jekk kienet sejra ccempel lill-Pulizija kien sejjer iweggaghha. L-akkuzat baqa' jsegwieha, irossha u jzommha kontra l-volonta' taghha u sahansitra kif harbet ghal gol-kcina, l-akkuzat beda jghidilha li ried li jkollu rapport sesswali maghha. XXXXX ppruvat tirrezistieh u tghidlu li ma tridx li jkollha rapport sesswali

mieghu izda l-akkuzat hareg is-skieken mill-kexxun tal-kcina, tefghahom fuq il-bank u heddidha li jekk ma kinitx se jkollha rapport sesswali mieghu kien se jxerred kull m'hemm demm biha. XXXXX, imbezza' kif kienet, kontra l-volonta taghha, cediet ghall-volonta' tieghu u l-akkuzat stupraha bi vjolenza. Kien biss diversi jiem wara li XXXXX marret ic-Centru tas-Sahha tal-Furjana fejn it-tabib Dr. Edward Basile Cherrubino invistaha u ccertifikaha li kienet qeda tbati minn **griehi ta' natura hafifa** konsistenti f'*black eye* u grif ma' ghajnejha tax-xellug, qasma zghira fuq l-*eyebrow* tal-istess ghajn u ohra fuq dik tal-lemin, kif ukoll tbengila fuq idejha l-leminija.

Illi wara episodju iehor ta' vjolenza fizika, finalment fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) marret tirraporta lill-akkuzat l-Ghassa tal-Hamrun u rraportat kif kienet ghadha kemm soffriet daqqiet ta' ponn go l-istonku taghha gewwa r-residenza taghhom fil-Hamrun. Il-Pulizija, filwaqt li hadulha r-rapport, bghatu lil OMISSIS1 c-Centru tas-Sahha sabiex tigi nvistatha minn tabib. Hemmhekk, XXXXXXXXX giet invistata mit-tabib Dr. Ryan Grech u giet iccertifikatha li kienet qeda ssofri minn **griehi ta' natura hafifa.**

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) per Magistrat Natasha Galea Sciberras B.A., LL.D, l-akkuzat OMISSIS kien instab hati ta' diversi delitti.

**Il-konsegwenzi**:

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat OMISSIS sar hati talli nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) kif ukoll fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, gewwa Birkirkara u l-Hamrun u f'diversi partijiet ta' dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta'haddiehor (OMISSIS1) f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fil-gisem ta' XXXXXXXXX; kif ukoll li rrenda ruhhu recediv.

**L-akkuża**:

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi OMISSIS talli nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) kif ukoll fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, gewwa Birkirkara u l-Hamrun u f'diversi partijiet ta' dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta'haddiehor (OMISSIS1) f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fil-gisem ta' XXXXXXXXX.

U billi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) per Magistrat

Natasha Galea Sciberras B.A., LL.D, l-akkuzat OMISSIS kien instab hati ta' diversi delitti.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat OMISSIS u illi hu jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux iktar minn sena skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 214, 215, 221(1), u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**IL-HAMES (5) KAP: *Biza' li sejra tintuza' l-vjolenza kontra l-persuna jew il-propjeta' taghha.***

**Il-fatti:**

Illi fl-isfond tac-cirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fil-Kapi precedenti tal-Att ta' Akkuża, nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) OMISSIS1 rraportat l-Ghassa tal-Hamrun illi s-sieheb taghha OMISSIS kien ilu minn tal-inqas tlett (3) snin jghaddieha minn episodji ta'vjolenza domestika. XXXXXXXXX rraportat kif kien hemm iktar minn episodju wiehed ta' vjolenza matul dan il-perjodu ta' tlett (3) snin fejn hija kienet tghix flimkien mal-akkuzat XXXXXX gewwa residenzi madwar Malta, wahda gewwa Birkirkara bl-indirizz Block H Flat 4 Triq Nazju Falzon u l-ohra gewwa l-Hamrun, 119A Triq San Gaetano.

Illi l-vittma rrakkontat mal-Pulizija kif kien hemm episodju fis-sena elfejn u sittax (2016) fejn hija ma kinitx baqghet ma' XXXXXX izda huwa xorta baqa' jippersgwitaha u sar jaf li hija kienet sejra ssiefer ma' habiba taghha. Kif sar jaf, l-akkuzat bghatilha messagg fuq it-telefown cellulari taghha sabiex jiltaqghu ha jitkelmu u jergghu lura flimkien. XXXXXXXXX rrifjutat li tiltaqa' mieghu izda huwa beda jheddidha li jekk ma kinitx sejra tiltaqa' mieghu **''nigi quddiem id-dar u ndahhaq it-triq."** XXXXXXXXX saqet ghal hdejn l-akkuzat u dan rikeb fil-karozza taghha u ordnalha biex issuq. Hekk kif waslu fil-Wied tal-Imsida, XXXXXXXXX baqghet ittennilu l-fehma taghha li ma riditx li jergghu lura flimkien, l-akkuzat sar aggressiv u beda jaghti mal-*windscreen* tal-karozza taghha tant li dan saritlu l-hsara. XXXXX bdiet tibza' li kien sejjer jerfa' jdejh fuqha wkoll izda wara XXXXXX kkalma u hallieha ssuq lura lejn id-dar taghha.

Illi di piu', mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rrizulta kif fil-perjodu ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-akkuzat OMISSIS dahal id-dar li kien jghix fiha ma' OMISSIS1 gewwa 119A Triq San Gaetano l-Hamrun kmieni filghodu b'riha ta' xorb f'halqu u hekk kif dahal fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm XXXXX rieqda tefghalha tazza ilma f'wiccha, qabez fuqha u beda jsawwatha billi jxejrilha daqqiet ta' ponn go wiccha, jitkellem b'mod vulgari

u jghajjarha. Hekk kif irnexxielha tizgiccalu, XXXXX marret fil-kamra tal-banju sabiex tipprova twaqqaf id-demm li kien hiereg minn ghajnejha x-xellugija izda l-akkuzat XXXXXX baqa' jsegwieha u jrossha. L-akkuzat ried ukoll l-password tal-mobile ta' XXXXX u meta ra li din ma riditx tathielhu qabad u sabbat il-mobile taghha mal-art bil-konsegwenza li dan inkiser. XXXXX nizlet fis-sular ta' isfel biex tipprova tahrab mill-akkuzat ghax bdiet tibza' li s-sitwazzjoni kienet ser tkompli tiskala izda huwa ma hallihiex tahrab mid-dar u **qallha li jekk kienet sejra ccempel lill-Pulizija kien sejjer iweggaghha.** L-akkuzat baqa' jsegwieha, irossha u jzommha kontra l-volonta' taghha u sahansitra kif harbet ghal gol-kcina, l-akkuzat beda jghidilha li ried li jkollu rapport sesswali maghha. XXXXX ppruvat tirrezistieh u tghidlu li ma tridx li jkollha rapport sesswali mieghu izda l-akkuzat hareg is-skieken mill-kexxun tal-kcina, tefghahom fuq il-bank u heddidha li jekk ma kinitx se jkollha rapport sesswali mieghu **kien se jxerred kull m'hemm demm biha.** XXXXX, imbezza' kif kienet, kontra l-volonta taghha, cediet ghall-aggressjoni tieghu u hu stupraha. B'dan il-mod, l-akkuzat ikkaguna fil-vittma, OMISSIS1, **biza' li sejra tintuza' vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta' taghha.**

Illi rrizulta wkoll li dan imsemmi hawn fuq ma kinx l-unika episodju ta' stupru li kkommetta OMISSIS fuq il-persuna ta' OMISSIS1. Dan hekk kif fil-perjodu ta' bejn Marzu u Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), gewwa l-imsemmija residenza taghhom fil-Hamrun, l-akkuzat XXXXXX rega' stupraha bi vjolenza. XXXXX ghal darba ohra ppruvat tirrezistieh izda XXXXXX beda jheddidha li kien sejjer jaghmel wahda minn tieghu kemm -il darba din ma kinitx sejra toqghod ghall-volonta' tieghu. Heddidha wkoll li kemm -il darba hija ma kinitx sejra thallih ikollu x'jaqsam maghha, **kien sejjer jatieha daqqa ta' ras.** B'hekk, b'ghemilu lil XXXXX kkagunalha **biza' li sejra tintuza' vjolenza kontra taghha.**

Illi kien hemm episodju iehor f'Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn l-akkuzat XXXXXX talab il-flus lil OMISSIS1 u hekk kif hi waqfitlu, l-akkuzat beda jkun aggressiv. Hekk kif baqghet tirrezistieh, l-akkuzat XXXXXX ghaddha sabiex ibezza' lil XXXXXXXXX bi kliem bhal **''lilek inpattihielek"** biex b'hekk bezza' lil XXXXXXXXX li kien sejjer juza' vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta' taghha. Fil-fatt, l-akkuzat XXXXXX wasal fil-hsieb tieghu ghaliex fid-daghdieha li kellu fuqu kisser is-serratura tal-bieb ta' barra, kisrilha wkoll it-telefown cellulari taghha u taha daqqiet fl-istonku li minhabba fihom kellha tirrikorri c-Centru tas-Sahha ghall-kura. Kien wara dan l-episodju illi XXXXX finalment marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Hamrun nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) per Magistrat Natasha Galea Sciberras B.A., LL.D, l-akkuzat OMISSIS kien instab hati ta' diversi delitti;

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat OMISSIS sar hati talli nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) kif ukoll fix-xhur u fis-snin ta' qabel

din id-data, gewwa Birkirkara u l-Hamrun u f'diversi partijiet ta' dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkawza lil haddiehor (OMISSIS1) biza' li se tintuza' vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta' taghha u effettivament lahaq il-mira tieghu; kif ukoll li rrenda ruhhu recediv.

**L-akkuża**:

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi OMISSIS talli nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) kif ukoll fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, gewwa Birkirkara u l-Hamrun u f'diversi partijiet ta' dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkawza lil haddiehor (OMISSIS1) biza' li se tintuza' vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta' taghha u effettivament lahaq il-mira tieghu;

U billi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) per Magistrat Natasha Galea Sciberras B.A., LL.D, l-akkuzat OMISSIS kien instab hati ta' diversi delitti.

**Il-piena mitluba**:

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat OMISSIS u illi hu jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' bejn sentejn (2) u disa' (9) snin skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 251(2)(3) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**IS-SITT (6) KAP: *Hsara Volontarja***

**Il-fatti**:

Illi fl-isfond tac-cirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fil-Kapi precedenti tal-Att ta' Akkuża, nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) OMISSIS1 rraportat l-Ghassa tal-Hamrun illi s-sieheb taghha OMISSIS kien ilu minn tal-inqas tlett (3) snin jghaddieha minn episodji ta' vjolenza domestika fejn fost l-ohrajn huwa stupraha f'iktar minn okkazjoni wahda, sawwatha u kisrilha diversi oggetti ta' propjeta' taghha.

Illi l-vittma XXXXXXXXX rrakkontat kif kien hemm episodju fis-sena elfejn u sittax (2016) fejn hija ma kinitx baqghet ma' XXXXXX izda huwa xorta baqa' jippersgwitaha u sar jaf li hija kienet sejra ssiefer ma' habiba taghha. Kif sar jaf, l-akkuzat bghatilha messagg fuq it-telefown cellulari taghha sabiex jiltaqghu ha jitkelmu halli jergghu lura flimkien. XXXXXXXXX rrifjutat li tiltaqa' mieghu izda huwa beda jheddidha li jekk ma kinitx sejra ''nigi quddiem id-dar u ndahhaq it-triq." XXXXXXXXX saqet ghal hdejn l-akkuzat u dan rikeb fil-karozza taghha u ordnalha sabiex issuq. Hekk kif waslu fil-Wied tal-Imsida, XXXXXXXXX baqghet ittennilu l-fehma taghha li ma riditx li jergghu lura flimkien u l-akkuzat sar aggressiv u beda jghati mal-windscreen tal-karozza tant li dan saritlu **hsara** fil-valur ta' mitejn u tmintax -il Euro (€218) li XXXXX kellha ssewwi spejjez taghha. Kisrilha wkoll telefown cellulari liema hsara giet stmata fil-valur ta' disghin Euro (€90). XXXXX bdiet tibza' li kien sejjer jerfa' jdejh fuqha wkoll izda wara XXXXXX kkalma u hallieha ssuq lura lejn id-dar taghha.

Illi XXXXX rraportat ukoll kif f'Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-akkuzat XXXXXX, irritorna kmieni filghodu fir-residenza taghhom gewwa 119A Triq San Gaetano l-Hamrun wara li kien qatta' lejl barra u hekk kif dahal fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm XXXXXXXXX rieqda tefghalha tazza ilma f'wiccha, qabez fuqha u beda jsawwatha billi jxejrilha daqqiet ta' ponn go wiccha, jitkellem baxx u jghajjarha. L-akkuzat beda jaghtieha daqqiet ta' ponn go wiccha tant li ghamlilha ferita mad-dawra ta' ghajnejha u beda hiereg id-demm. Mugugha kif kienet, XXXXX bdiet tghid lill-akkuzat biex ihallieha tohrog ha tmur tara tabib sabiex timmedika ruhha izda huwa ma hallihiex taghmel dan u baqa' jzommha milli tmur bil-forza u t-theddid. L-akkuzat hadilha l-mobile u **kissirulha** sabiex jevita li din taghmel xi forma ta' kuntatt ma' xi hadd mill-familjari taghha jew mal-Pulizija u beda jheddidha u jbezzaghha billi jghidilha li kemm -il darba kienet sejra ccempel lill-Pulizija, huwa kien sejjer ixerred kull m'hemm demm biha. XXXXXXXXX sussegwentement sewwiet dan it-telefown cellulari u **l-hsara subita** minnha ammontat ghal disghin Euro (€90).

Illi incident iehor jirrisali ghall-perjodu ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017). XXXXX tirrakkonta kif kien zmien l-elezzjoni generali u hija bhala Ufficjal tal-Pulzija kienet stazzjonata gewwa l-Hamrun ma' xi kollegi ohra ta' sess maskili. Hekk kif l-akkuzat lemah li XXXXXXXXX kienet xoghol ma' kollegi rgiel beda jghajjarha quddiem kulhadd u kif irritornat id-dar gewwa Blokk H Flat 4 Triq Nazju Falzon Birkirkara, **kisrilha** telefown cellulari li jiswa' mija u hamsa u tmenin Euro (€185).

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) per Magistrat Natasha Galea Sciberras B.A., LL.D, l-akkuzat OMISSIS kien instab hati ta' diversi delitti;

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat OMISSIS sar hati talli nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) kif ukoll fix-xhur u fis-snin ta' qabel

din id-data, gewwa Birkirkara u l-Hamrun u f'diversi partijiet ta' dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, volontarjment hassar hwejjeg haddiehor (OMISSIS1) liema ammont ta' hsara ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500) izda hija ikbar minn mitejn u hamsin Euro (€250);  kif ukoll li rrenda ruhhu recediv.

**L-akkuża**:

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi OMISSIS talli nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) kif ukoll fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, gewwa Birkirkara u l-Hamrun u f'diversi partijiet ta' dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, volontarjment hassar hwejjeg haddiehor (OMISSIS1) liema ammont ta' hsara ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500) izda hija ikbar minn mitejn u hamsin Euro (€250).

U billi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) per Magistrat Natasha Galea Sciberras B.A., LL.D, l-akkuzat OMISSIS kien instab hati ta' diversi delitti.

**Il-piena mitluba**:

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat OMISSIS u illi hu jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tmien (9) xhur sa tlett (3) snin skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 325(1)(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Rat is-sentenza tagħha mogħtija nhar il-21 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha ddeċidiet is-segwenti:

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tiċħad it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet.

Fil-kontemp tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tordna li dawk il-paġni fil-proċess li ma jirriżultawx li ġew iffirmati mill-Maġistrat Inkwirenti, in kwantu mhux konformi mal-preċett tal-Liġi, jiġu esklużi bħala prova minn dan il-proċess, safejn tali dokumenti setgħu jservu ta' prova; u tordna lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali sabiex iwettaq din l-ordni sa qabel ma jibda' s-smiegħ tal-kawża quddiem il-Ġurati.

Dan pero bl-ebda mod ma għandu jinftiehem li b'xi mod jeskludi l-produċċibilita u ammissibbilita ta' dawk ix-xiehda - li t-traskrizzjoni tax-xiehda tagħhom jew tad-dokumenti prodotti minnhom setgħu ġew milquta u sflizati minn din is-sentenza - matul il-Ġuri u dan peress li fl-aħħar mill-aħħar il-proċess penali proprju għad irid jiġi ċelebrat quddiem il-Ġurija bix-xiehda tax-xhieda *viva voce*.

Il-kawża qed tiġi differita "sine die" sakemm ikun deċiż xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn tagħha biex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati, skond jekk isirx appell minnha jew le.

Sadattant l-akkużat jibqa' jgawdi mill-istess kondizzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-ħelsien mill-arrest.

3. Rat in-nota preżentata mill-parte civile OMISSIS1 datata 23 ta' Settembru 2021 u li permezz tagħha hija preżentat dikjarazzjoni bil-ġurament tagħha, debitament maħlufa quddiem in-Nutar Dottor Reuben Debono nhar it-23 ta' Settembru 2010 (*sic! 2021*), liema dikjarazzjoni ġġib fuqha wkoll il-firma ta' Dr. Arthur XXXXXXXXX fil-kapaċita tiegħu ta' konsulent legali tal-istess OMISSIS1 u li fil-preżenza tiegħu ġiet ukoll iffirmata u ġuramentata mill-istess OMISSIS1, nonche l-firem ta' l-Avukat Mary Rose Micallef u l-Avukat Ishmael Psaila u li permezz tagħha l-istess OMISSIS1 tenniet is-segwenti :

    1. Illi din id-dikjarazzjoni guramentata qeghda naghmilha minn jeddi, fil-prezenza tal-Avukat tieghi sottofirmat, Dottor Arthur XXXXXXXXX, wara li fhimt u qrajt l-kontenut taghha.
    2. Illi din id-dikjarazzjoni qeghda ssir in konnessjoni mal-proceduri Att t'akkuza 1/2020 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs OMISSIS (KI 259858M).
    3. Illi permezz taghha jiena qeghda nirtira l-kwerela, li saret f'ismi iffirmata mill-Ispettur Lydon Zammit, fil-konfront ta' OMISSIS detentur tal-karta tal-identita' numerata 259858M, pprezentata fl-Atti tal-kawza fl-ismijiet: Ir-Repubblika ta' Malta vs. OMISSIS (Att t'akkuza Numru: 1/2020), inserat *a' foglio* 195 tal-process.
    4. Illi jiena qed nirrinunzja definittivament ghal kwalunkwe' azzjoni Kriminali u Civili fil-konfront ta' OMISSIS, u m' ghandi l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tal-istess.
    5. Illi minn jeddi qed nobbliga ruhi illi ninforma l-Ufficjal Prosekutur b' din id-dikjarazzjoni u nipprezenta kopja taghhafl-Atti tal-Kawza, permezz ta' nota ffirmata mill-konsulent legali tieghi, liema nota ser tigi notifikata lill-Ufficju tal-Avukat Generali.

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet preżentata mill-Avukat Ġenerali nhar it-28 ta' Settembru 2021 u li permezz tagħha ppremettiet li l-proċeduri odjerni qegħdin jiġu mmexxija *ex officio* u b'hekk

indipendentement mill-kwerela tal-parte civile liema proċeduri jinvolvi reati ta' vjolenza domestika. L-Avukat Ġenerali sostniet li l-parte civile kienet xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni u għalhekk kien opportun li din il-Qorti tisma' lill-allegata vitma OMISSIS1 sabiex tikkonferma bil-ġurament tagħha quddiem din l-istess Qorti r-rinunzja għall-kwerela kif ukoll sabiex jiġi ċċarat jekk l-istess OMISSIS1 kienx għad għandha interess li l-proċeduri kontra l-akkużat jitkomplew u dan fid-dawl tad-dikjarazzjoni tagħha li kienet qed tirrinunzja għal kwalunkwe azzjoni kriminali. L-Avukat Ġenerali kompliet tgħid li jekk il-parte civile tikkonferma li tixtieq li twaqqaf dawn il-proċeduri, hija kellha ssegwi l-proċedura msemmija fl-artikolu 543(e)(f) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li l-vitma ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika jew stupru tista' tagħmel talba appożita lill-Qorti sabiex twaqqaf il-proċedura kontra l-allegat awtur indipendentement mill-fatt li l-proċeduri jkunu qegħdin jitmexxew *ex officio*. B'hekk jekk il-parte civile kienet se tagħmel din it-talba l-Avukat Ġenerali kienet tal-fehma li din il-Qorti kellha tistħarreġ ir-raġuni għalfejn il-parte civile kienet tixtieq li jitwaqqfu l-proċeduri kontra l-akkużat filwaqt li l-Qorti tieħu konsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-parte civile u ta' terzi oħra rilevanti meta tiġi biex tikkonsidra din it-talba fis-sensi tal-artikolu 543 (e)(f) tal-Kodiċi Kriminali.

5. Rat li b'digriet tal-24 ta' Settembru 2021 din il-Qorti kienet ordnat li n-nota ta' OMISSIS1 tiġi notifikata wkoll lill-akkużat u akkordatlu jumejn żmien għal kull sottomissjoni li kienet tidhirlu xierqa.

6. Rat illi fit-22 ta' Frar 2022 l-akkużat wieġeb li f'dak l-istadju kellha tkun l-Avukat Ġenerali li kellha tirregola ruħha in vista tad-dikjarazzjoni tal-parte civile li kienet qegħda tirtira l-kwerela skont il-liġi li kienet applikabbli dakinhar ta' meta seħħew il-każijiet. L-akkużat saħaq li din in-nota tal-parte civile kienet fundamentali għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja u b'hekk saħaq li kellha tkun ammessa lill-ġurati waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u tifforma parti mill-atti proċesswali. Fid-dawl tad-dikjarazzjoni magħmula mill-parte civile "il-kwerela u d-dokumenti relattivi pprezentati minn OMISSIS1" kellhom jiġu sfilzati mill-proċess skont kif dikjarat mill-parte civile fid-dikjarazzjoni ġuramentata tagħha. Apparti minn hekk saħaq li kull firmatarju ta' dik id-dikjarazzjoni ġuramentata kellu jiġi ammess bħala xhud tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali, jekk kien jidhrilha, u dan peress li din id-dikjarazzjoni kienet saret wara li kienu ġew deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari u b'hekk dawn ma setgħux jitniżżlu fost il-lista tax-xhieda tal-akkużat.

7. Rat li b'digriet tal-istess jum, din il-Qorti kienet ordnat li din in-nota ta' sottomissjonijiet tal-akkużat tiġi notifikata lill-parte civile u lill-Avukat Ġenerali għal kull sottomissjoni li kien jidhrilhom.

8. Rat li filwaqt li l-parte civile ma kellha ebda sottomissjoni ulterjuri xi tressaq, hija zammet ferma mal-irtirar tal-kwerela tagħha. Mill-banda l-oħra, l-Avukat Ġenerali sostniet li b'żieda ma dak li kienet issottomettiet fin-nota tagħha tat-28 ta' Settembru 2021 hija oġġezzjonat li l-kwerela ta' OMISSIS1 u d-dokumenti eżebiti minnha jiġu sfilzati mill-proċess u dan peress li l-proċeduri tmexxew *ex officio* u allura indipendentement mill-kwerela tal-parte civile u r-rinunzja tagħha u dan stante li l-proċeduri kriminali kellhom jitkomplew kontra tal-akkużat sabiex fin-nuqqas li ssir it-talba appożita fit-termini tal-artikolu 543(e)(f) tal-Kodiċi Kriminali jew fl-eventwalita li din il-Qorti ma tilqax tali talba, jekk issir, il-provi kollha diġa kumpilati jkunu jistgħu jinġiebu bħala prova waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Apparti minn hekk l-Avukat Ġenerali rrilevat li kemm OMISSIS1 kif ukoll in-Nutar Reuben Debono kienu diġa indikati fil-lista tax-xiehda tal-akkużat.

9. Rat ukoll id-digriet tagħha tas-7 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu din il-Qorti qieset li kien meħtieġ li l-posizzjoni ta' OMISSIS1 kellha tiġi ċċarata fid-dawl ta' dak dispost mill-artikolu 544(d) tal-Kodiċi Kriminali kif applikabbli fiż-żmien tar-reat jew l-ekwivalenti tiegħu l-artikolu 543(e) u issa wkoll (f) tal-Kodiċi Kriminali, u b'hekk ordnat li din il-kawża tinstema' fis-6 t'April 2022 sabiex tiġi mħarka OMISSIS1 biex tixhed fuq dak kontenut fid-dikjarazzjoni ġuramentata tagħha kif ukoll fuq dak imsemmi mill-Avukat Ġenerali fir-risposti tagħha u biex il-partijiet jitrattaw fuq dak riżultanti minn dik il-proċedura.

10. Fil-frattemp pero irriżulta li fl-4 ta' Marzu 2022 il-parte civile OMISSIS1 kienet intavolat rikors li permezz tiegħu, filwaqt li hija għamlet riferenza għall-akkużi miġjuba kontra l-akkużat fl-ewwel ħames akkużi u li kienu ta' natura ta' vjolenza domestika fis-sensi tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, hija stqarret li:

> Fil-każ odjern, l-esponenti tixtieq u għandha kull intenzjoni li tirrinunzja għall-kwerela minnha magħmula u kwindi, in forza ta' dak dispost fiż-żewġ subinċiżi tal-artikolu 543 supra-kwotati, hija qegħda bir-rispett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti twaqqaf il-proċeduri odjerni kontra l-akkuzat OMISSIS u dan previa kull ordni li dina l-Onorabbli Qorti talvolta jogħġobha timponi.

11. Din il-Qorti ordnat li dan ir-rikors jiġi notifikat lill-akkużat u lill-Avukat Ġenerali għar-risposta tagħhom fi żmien jumejn.

12. L-Avukat Ġenerali wieġbet b'nota risponsiva datata 8 ta' Marzu 2022 li dan ir-rikors kien iċċara l-posizzjoni OMISSIS1 mhux biss li riedet li tirtira l-kwerela tagħha kontra l-akkużat iżda wkoll li kienet qegħda titlob li l-proċeduri kontra l-akkużat jitwaqfu. B'hekk fis-seduta tas-6 t'April 2022 din il-Qorti kellha tisma' lil OMISSIS1 biex tikkonferma r-rinunzja tal-kwerela bil-ġurament kif ukoll li tistħarreġ ir-raġuni għaliex kienet tixtieq li l-proċeduri kontra l-akkużat jiġu mwaqfa u dan filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni l-aħjar interessi tagħha u ta' terzi persuni meta tiġi biex tikkonsidra din it-talba tal-parte civile.

13. Rat li matul is-seduta tas-6 t'April 2022, xehdet il-parte civile OMISSIS1. Matul ix-xiehda tagħha, hija stqarret is-segwenti:

**Il-Qorti**: ...Mela ismek u kunjomok.

**Xhud (ZA)**: OMISSIS1.

**Il-Qorti**: X'jisimhom il-genituri tieghek.

**ZA**: Christine u Charles XXXXXXXXX.

**Il-Qorti**: Fejn twelidt u fejn toqghod?

**ZA**: Pieta, noqghod il-Hamrun.

**Il-Qorti**: Ha tahlef li tghid is-sewwa, is-sewwa kollu, xejn inqas mis-sewwa, jekk Alla jghinek.

**ZA**: Nahlef.

**Il-Qorti**: Ghid nahlef.

**ZA**: Nahlef.

**Il-Qorti**: Mela mistoqsijiet?

**Pros.**: Bongu sinjura.

**ZA**: Bongu.

**Pros.**: mela l-avukat tieghek ghamel talba sabiex dawn il-proceduri jieqfu f'isem, f'ismek. Issa

**Dott. Arthur XXXXXXXXX**: Hi ghamilthom mhux jien.

**Pros.**: F'isimha.

**Dott. Arthur XXXXXXXXX**: Le. Iva imma mhux jien, hi. Differenti.

**Il-Qorti**: Rikors tal-parte civile OMISSIS1.

**Dott. Arthur XXXXXXXXX**: Hi iffirmat lilhom.

**Il-Qorti**: Iffirmatu hi ukoll ejja nghidu hekk. Komplu.

**Pros.**: Fejn saret it-talba min-naha tieghek biex jieqfu dawn il-proceduri. Issa kienet saret ukoll dikjarazzjoni guramentata fejn inti kont qed tirrinunzja dak kollu li huwa rinunzjabbli.

**Il-Qorti**: Uruwha daqsxejn.

**Pros.**: Issa noruwha daqsxejn

**Il-Qorti**: oruwielha daqsxejn.

**Pros.**: din id-dikjarazzjoni sabiex tikkonfermha.

**Il-Qorti**: Orijilha naqra. Arha sewwa, arha sewwa sinjorina.

**ZA**: Iva nikkonferma li din hija d-dikjarazzjoni li kont ghamilt.

**Il-Qorti**: mhm.

**Pros.**: U qed taghraf il-firma tieghek.

**ZA**: Ezatt. Nikkonferma.

**Pros.**: Tajjeb issa. Nixtieq norieha ukoll ir-rikors li kien sar

**Il-Qorti**: qalleb dan lura fuq wara wara wara wara.

**Pros.**: sabiex jintemmu dawn il-proceduri.

**Il-Qorti**: Orieha wahda lil l-avukat please..

**Pros.**: li huwa dan.

**ZA**: Iva nikkonferma u nikkonferma l-firma tieghi.

**Pros.**: Tajjeb u nahseb m’hemmx ghalfejn insaqsi imma se nsaqsi ghal kull buon fini, inti taf ghalxiex huwa akkuzat is-sur XXXXXX.

**ZA**: Iva.

**Pros.**: U tista’ tghidilna

**Il-Qorti**: Tkellem fil-microphone please.

**ZA:** Iva.

**Pros.**: Issa tista’ tispjegalna x’inhi r-raguni ghalfejn ghamilt din it-talba? U x’inhi r-relazzjoni tieghek mas-sur XXXXXX.

**ZA**: Mela jien ghamilt din it-talba ghax affarijiet pendenti mas-sur XXXXXX m’ghadx fadalli, m’ghadx ghandi interess li nkompli dan il-kaz, ghaddejt minn xix ghaddejt jiena biss naf.. .. u Kelli niehu terapija fuqu u nixtieq naghlaq il-kaz u ma rridx inkompli fuqu.

**Pros.**: issa sinjura ha nsaqsi din id-domanda fl-interess tieghek issa ovvjament f’isem il-prosekuzzjoni nixtieq insaqsiek hu jekk din it-talba biex

jieqfu dawn il-proceduri hux qed issir b'mod volontarju u li m'hemm hadt li qed igghelek taghmilha din it-talba u mhux li b'xi mod qed tigi mhedda biex taghmel din it-talba fil-konfront tas-sur XXXXXX.

**ZA**: laqqas xejn. Din id-decizjoni jien hadtha kif ghidt ma rridx inkompli proceduri mieghu ghax il-kaz irrid naghlqu ma rridx igifieri niftah il-kapitli mill-gdid igifieri irrid naghlqu min-naha tieghi m'hemmx irbit ta' xejn.

**Pros.**: Orrajt.

**Il-Qorti**: Issa taf jekk it-talba tieghek tigi milquha, jekk it-talba tieghek tigi milquha, l-process jew parti minnhu jista' jieqaf u ma tistax tigi ghada u tghidli isma ara x'ghamilt irrid nerga nqajmu mill-mewt dan il-kaz.

**ZA**: Fhimtek.

**Il-Qorti**: Qed tifhem?

**ZA**: Fhimtek sur imhallef.

**Il-Qorti**: Igifieri jekk kemm il-darba t-talba tieghek ha tibqa' tinsisti fuqha u jekk il-qorti tilqalek dik it-talba jista' jkun il-kaz jieqaf hemm.

**ZA**: Fhimtek. Fhimtek.

**Il-Qorti**: U imbaghad ma tistax tghid lil hadd illi it-tort ta da, jew it-tort ta da jew it-tort ta l-iehor, it-tort tieghek imbaghad ikun li waqfet.

**ZA**: Le fhimtek pero` nerga nghid id-decizjoni hija tieghi.

**Il-Qorti**: Igifieri inti certa li m'hemm hadd li qieghed idejqek jew jheddek jew jipprova jixtrik b'xi mod?

**ZA**: Laqqas xejn. Dik hija decizjoni

**Il-Qorti**: Jew m'intiex imbezza minn xi haga jew minn xi konsegwenza?

**ZA**: Laqqas xejn.

**Il-Qorti**: Fuqek jew fuq haddiehor

**ZA**: Laqqas xejn Sur Imhallef.

**Pros.**: Forsi hemm xi tfal involuti ma nafx?

**ZA**: Le le le tfal zgur li le.

**Il-Qorti**: Bejnitkom ma kienx hemm tfal?

**ZA**: Xejn.

**Il-Qorti**: Imma kien hemm xi propjeta` mixtrija flimkien? Xtrajtu affarijiet flimkien forsi?

**ZA**: Kien hemm pero` ghamilnihom b'kaz civili u ghalhekk ma ridtx naghti igifieri aktar importanza fuq dan il-kaz.

**Il-Qorti**: Igifieri m'ghad hemm xejn bejnitkom.

**ZA**: xejn xejn.

**Il-Qorti**: Tfal m'hemmx, propjeta` m'hemmx, rabtiet ohra m'hemmx.

**ZA**: Xejn.

**Il-Qorti**: La ta xoghol, la rbit bil-qalb, la rbit bil-mohh,

**ZA**: xejn.

**Il-Qorti**: Xejn. X'iktar?

**Pros.**: min-naha tal-prosekuzzjoni xejn sur Imhallef.

**Il-Qorti**: Difiza?

**Dif.**: xejn.

**Il-Qorti**: Grazzi ferm sinjura tista' tinsel u jekk trid tista' tibqa' hierga 'l barra.

14. Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet kollha involuti dwar din it-talba tal-parte civile u l-istqarrijiet magħmula minnha.

15. L-Avukat Ġenerali qalet li t-talba tal-parte civile fis-sensi tal-artikolu 543(e)(f) tal-Kodiċi Kriminali tgħid li l-parte civile għandha d-dritt li titlob li dawn il-proċeduri jieqfu, għalkemm fl-aħħar mill-aħħar hija diskrezzjoni tal-Qorti jekk tordnax li l-proċeduri jitkomplew. Tgħid li wħud mill-akkużi kienu rinunzjabbli u oħrajn ma kienux. Biss dan il-proċediment tmexxa mill-Pulizija ex officio. L-Avukat Ġenerali qieset li l-akkużi li kien mixli bihom l-akkużat kienu jaqgħu taħt it-tifsira ta' vjolenza domestika jew stupru. L-Avukat Ġenerali kienet qegħda tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti dwar jekk kellhiex tordna t-tkomplija tal-proċeduri kontra l-akkużat.

16. Il-parte civile, tramite l-Avukat Dottor Arthur XXXXXXXXX qalet, testwalment hekk :

Ha nispjega l-iter legali ghalfejn tezisti din l-emenda. Din l-emeda li abbazi taghha OMISSIS1 intavolat ir-rikors, hija wahda mill-emendi introdotti l-mument illi Malta aderiet mal-obbligi u drittijiet taghha mal-Istanbul Convention, Konvenzjoni illi inzertajt nahdem biha u maghha fil-vesti tieghi bhala avukat ta' victim support Malta. U dan huwa ukoll kaz ta' Victim Support Malta. L-istanbul convention filwaqt li biddlet hafna mill-istruttura legali ta' reati ta' natura sesswali per ezempju dak li qabel ahna konna komuniment insejhulu violent indecent assault illum huwa fil-firem ta' stupru. L-istanbul convention filwaqt li gharfet li ghandu jkun hemm glieda akbar kontra l-perpetrators li fil-maggior parti taghhom huma rgiel u aggixxiet ukoll u insistiet li trid tigi miggielda l-fatt illi ragel jimponi fuq mara gharfet ukoll illi jkollok cirkostanzi fejn il-vittma irrispettivament mis-sess taghha pero` vittma ta' reat ta' natura sesswali, l-iter processwali ikun qieghed jaghmel aktar hsara milli gid, huwa b'hekk il-legizlatur taghna meta

obda dawn l-obligi internazzjoni dahhal dan id-dritt. Fil-kaz ta' Ms XXXXXXXXX, Ms XXXXXXXXX ghamlet perjodu sostanzjali under therapy. Ms XXXXXXXXX grazzi ghal din it-terapija rkuprat pero` gara illi meta beda joqrob iz-zmien biex il-guri jsehh hija marret lura status quo ante, status quo ante ghal qabel il-bidu tat-terapija. Li allura reget giet soggetata ghat-terapija stess u teknikament ghada soggetta ghal din it-terapija u emerga bic-car minn din it-terapija u din ghandi l-permezz kemm tat-terapista kif ukoll ta Ms XXXXXXXXX li nista' nghidha illi din il-procedura legali qieghda tohloq aktar hsara milli gid. Meta issa l-Istanbul Convention holqot dan id-dritt tal-parte civile li issa hawnhekk ghamlet din it-talba taghha, it-talba hija wahda, sabiex il-procedura tieqaf. Issa jien mgharraf li hemm aktar minn kap wiehed u naf x'inhi d-differenza bejn kull wiehed pero` jekk ma jintemmux u din hija s-sottomissjoni bhala parte civile l-proceduri fl-intier u tibqa' xi haga wahda jew ohra jew tnejn, irrelevanti hi xorta se tigi soggetta li trid tixhed, mela l-hsara li se tibza li se ggarrab minhabba l-procedura, jekk il-procedura titkompla fuq parti din il-hsara hemm se tkun xorta wahda ghax ghalieha l-kawza qed titkomplha bir-riskju illi l-hsara se tkun akbar u tghid jiena tlabt il-qorti, jien mxejt ma dak li l-ligi tghidli biex il-procedura ma titkomplix pero` jien xorta qed nobdi l-ordni ta' din il-qorti ovvjament pero` psikologikament lilha ha  taghmillha aktar hsara milli gid, fuq domanda tal-qorti jekk ux sejjer zbaljat potenzjalment tal-kollega u prosekitrici ukoll gie ccarat li l-aspett civili gie rizolt, gie rizolt mhux biex id-diskors ikun car Dr Psaila ha jkun jista' jikkonfermah id-diskors mhux ghax is-sur XXXXXX hallas xi kumpens lil Ms OMISSIS1 igifieri halli nkunu cari. Il-propjeta` li kienet taghhom it-tnejn XXXXX xtrat is-sehem tas-sur XXXXXX. Hadet biex inkun preciz, hadet il-loan kollha fuqha, is-sur XXXXXX gie lliberat mill-obligi tal-home loan u kellhom it-trasferiment tas-sehem tieghu ghal fuq XXXXX, kien hemm ukoll xi ammont zghir li kellu jircievi s-Sur XXXXXX vis-à-vis flejjes li kien hareg hu, ma niftakarx l-ammont Dr Psaila,…tlett elef u xi haga.
**Pros.**: imma gew imhallsa mill-parte civile.

**Dr XXXXXXXXX**: ezatt u thallsu mill-parte civile ukoll igifieri biex ma rridx li xi hadd jahseb li s-sur XXXXXX *he bought her silence* ha nsejhulu hekk ghax muhiex il-kaz ghax kienet XXXXX li se mai se thallset igifieri qed nispjega dan kollu biex il-qorti jkolla l-istampa u l-kwadru car kollu ta kif qed tiffunzjona, u kif qed taggixxi u tahdem OMISSIS1, igifieri jiena l-interpretazzjoni li s-sinjonirija tieghek qed taghti lil dan l-artiklu tal-ligi naqbel maghha pero` bir-rispett ha ninsisti illi jekk il-qorti tilqa' din it-talba tali talba nemmen li ghandha tintlaqa' fl-intier.

**Pros.**: Naqblu. Fuq kollox

**Dr XXXXXXXXX**: mhux fuq kap jew iehor

**Pros.**: Ghax kollox fil-kuntest tal-vjolenza domestika.

**Dr XXXXXXXXX**: Ghalhekk hafna l-vantagg li ghandna ukoll sur Imhallef li l-legizlatur ried li jkun hemm l-iskrutinju tal-qorti meta jkun hemm talba bhal din propju minhabba dawn id-domandi li ghamlet gustament il-prosekutrici ghaliex ma jridx ikun hemm l-abbuz tal-procedura pero` nafu ukoll illi filwaqt illi dan id-dritt tal-parte civile ma kelliex at the time of the offences ta dan l-

att t'akkuza nafu lkoll kollha kemm ahna illi d-dritt procedurali li japplika huwa taz-zmien tal-procedura igifieri ma nistghux nghidu ghax ma kelliex dan id-dritt procedurali at the time of the offences issa ma tistax tuzah ghax ovvjament t'issa li jghodd ma ghandiex ghalfejn niddilunga s-sinjorija tieghek tillectureja fuq dan il-punt hi stess igifieri mhux se nkun jien l-ispavalt li nipprova nghid aktar minn hekk igifieri din hija t-talba tal-parte civile u ghalhekk hassejt li ghandi naghmel din is-sottomissjoni issa qabel is-sur avukat biex ikun car fi kliemi fejn qieghed.

**Il-Qorti**: Grazzi Dr XXXXXXXXX.

17. Semgħet ukoll lil Dr. Ismael Psaila, l-Avukat tal-akkużat li ssottometta testwalment is-segwenti:

**Dif.**: mela issa li smajt il-partijiet qieghed f'pozizzjoni iktar cara u ghalhekk inizjalment tlabt li nisma l-avukat generali u gentilment anke l-avukat tal-parte civile. In quanto jikkoncenrna l-interpretazzjoni legali nahseb m'hemmx iktar fejn wiehed izied u jnaqqas nahseb it-tlett pilastri ta' din l-awla qed naqblu fuq kif ghandha tigi interpretata. Li rrid nghid ukoll sur imhallef huwa, naqbel u gentilment nirringrazzja l-kollega li vverifika u ccara l-punt fejn tidhol il-kwistjoni civili m'hemmx bzonn nghid kulhadd jaf li timxi indipendentement minn dak il-process penali, imma li rrid nghid ukoll primarjament irrid niccara anke fl-interess tal-klijent tieghi li dawn l-akkuzi kienu kkontestati fl-intier taghhom mill-ewwel sekonda li tressaqna l-qorti, it-tieni punt li rrid inqajjem kif diga` ccara Dr XXXXXXXXX illi dawn ma sarux mhux qedin hawn f'din l-istadju llum ghax kien hemm xi talba, offerta`, xi premessa ta' kwalunkwe tip, u hadt gost li l-qorti kif kellha kull dritt taghmel u ma ghandiex dubju taghmel napprezzaw, hadet l-inizjattiva li ccarata u saqsiet mistoqsijiet diretti in kwantu jikkoncerna dan u allura jwassalna ghal dan il-mument fil-procedura. Mela l-avukat generali kif kellha kull dritt taghmel iccarat il-pozizzjoni tal-parte civile. Il-parte civile li minn jedda kkonfermat id-dokumenti prezentati l-qorti u anke kif kienet debitament assistita kkonfermat li dan kollu sar deliberament minnha. Tajjeb ukoll li nghidu igifieri la rrid nidhol fil-mertu bhala stat ta fatt x'hemm fl-atti, mhux qed nitkellmu f'kwalunkwe parte civile, din ghal giehna hija d-[inaudible 21:44] tal-pulizija tal-korp tal-pulizija. Igifieri x'qed nipprova nghid? Igifieri din il-persuna li ghandha l-eta` taghha li kienet debitament assistita u hadet il-parir illum bil-gurament ikkonfermat li ma tridx li jitkomplew dawn il-proceduri u sahansitra kkwalifikat it-talba taghha billi permezz tan-nota irtirat il-kwerela fil-konfront ta' OMISSIS. Issa l-qorti ghandha quddiema l-process, in vista ta' dan ix-xenarju kollu in vista tad-dicidura kif diga` bdejt biha, kulhadd qabel biha kif u come ghandha tigi interpretata, in vista tas-sottomosjonijiet anke tal-avukat tal-parte civile u in vista tal-fatt u hawnhekk dan huwa l-climax ghalijja illi fil-mori tal-proceduri meta il-procedura kienet fl-istadju tal-kumpilazzjoni quddiem il-Magistrat John Mifsud il-parte civile kellha iktar minn stedina wahda sabiex tigi ezaminata minn Dr Mario Scerri u din ghal darba darbtejn tlieta naqqset milli tattendi huwa gust? Tkun qed issir gustizzja jekk dawn il-proceduri jitkomplew? U ahna umilment nemmnu ghax mhux biss ikkontestajna l-htijja mill-bidu izda fuq kollox nemmnu li

anke in-vista ta dawn l-ahhar zvilluppi nemmnu umilment li dawn il-proceduri ghandhom jieqfu hemm. Il-bqijja nirremetti ruhhi.

## Ikkunsidrat

18. Dan kien l-iter proċedurali li wassal lil din il-Qorti għal dan il-ġudizzju. F'dan il-każ il-parte civile kemm irrinunzjat għall-kwerela li kienet għamlet kontra l-akkużat u li fuqhom huma msejsin l-akkużi inklużi fl-att t'akkuża de quo, kif ukoll it-talba tagħha biex dawn il-proċeduri jiġu mwaqfa fis-sensi tal-artikolu 543(e)(f) tal-Kodiċi Kriminali.

19. Qabel xejn il-meritu tal-każ seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-emendi li waslu għall-introduzzjoni tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta fl-14 ta' Mejju 2018 u l-emendi li saru fil-Kodiċi Kriminali relattivament għad-definizzjoni tar-reat ta' stupru fl-artikoli 198, u l-artikoli 216 u 251B tal-Kodiċi Kriminali. It-tifsira tar-reati de quo għalhekk trid tibqa' dik li kienet fis-seħħ meta allegatament seħħew dawk ir-reati u dan peress li dawk l-emendi laqtu l-essenza sostantiva tar-reati de quo jew aspetti importanti sostantivi tagħhom. Mill-banda l-oħra, l-emendi li saru bis-saħħa tal-Att XIII tal-2018 lill-artikolu 543 tal-Kodiċi Kriminali, huma ta' natura proċedurali u li jagħtu lok għal proċeduri li huma intiżi li jġibu fis-seħħ id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa iffirmata f'Istanbul fit-Turkija nhar il-11 ta' Mejju tal-2011 (aktar l-isfel magħrufa bħala "Il-Konvenzjoni"). Dawn l-emendi proċedurali fil-fatt isaħħu kemm il-jeddijiet tal-vitmi kif ukoll, f'ċerti aspetti partikolari, il-jeddijiet tal-persuni akkużati.

20. Din il-Konvenzjoni għandha bħala wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha protezzjoni akbar lil vitmi nisa ta' reati. Fil-fatt l-**Explanatory Memorandum** għal din il-Konvenzjoni jgħid li:

> 30. Paragraph 1 sets out the purposes of the Convention. Paragraph 1 (a) states as the specific purpose of the Convention the protection of women against all forms of violence, as well as the prevention, prosecution and elimination of violence against women and domestic violence.
> 31. In line with the recognition contained in the preamble that there is a link between eradicating violence against women and achieving gender equality in law and in fact , paragraph 1 (b) specifies that the Convention will contribute to the elimination of all forms of discrimination against women and promote substantive equality between women and men. The drafters

considered it essential to clearly state this as one of the purposes of the Convention.

32. Paragraph 1 (c) reflects the need for a comprehensive approach to the protection of and assistance to all victims of violence against women and domestic violence. The forms of violence covered by the scope of this Convention have devastating consequences on victims. It is necessary to design a comprehensive framework to not only ensure their further safety, re-establish their physical and psychological health but to also enable them to re-build their lives. This framework should be grounded on a human-rights based approach.[1]

21. L-enfażi fuq il-vjolenza domestika magħmula minn din il-Konvezjoni tidher ukoll minn dak mistqarr dwar it-tifsira tal-vjolenza domestika skont l-istess:

41. Article 3 (b) provides a definition of domestic violence that covers acts of physical, sexual, psychological or economic violence between members of the family or domestic unit, irrespective of biological or legal family ties. In line with what is mentioned in paragraph 40, economic violence can be related to psychological violence. Domestic violence includes mainly two types of violence: intimate-partner violence between current or former spouses or partners and inter-generational violence which typically occurs between parents and children. It is a gender neutral definition that encompasses victims and perpetrators of both sexes.

42. Domestic violence as intimate-partner violence includes physical, sexual, psychological or economic violence between current or former spouses as well as current or former partners. It constitutes a form of violence which affects women disproportionately and which is therefore distinctly gendered. Although the term “domestic” may appear to limit the context of where such violence can occur, the drafters recognised that the violence often continues after a relationship has ended and therefore agreed that a joint residence of the victim and perpetrator is not required. Inter-generational domestic violence includes physical, sexual, psychological and economic violence by a person against her or his child or parent (elderly abuse) or such violence between any other two or more family members of different generations. Again, a joint residence of the victim and perpetrator is not required.

22. F’dan il-każ hemm qbil bejn il-partijiet li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet kwalifikabbli bħala dik ta’ “membru domestiku”, kif ukoll li r-reati li bihom ġie mixli l-akkużat jaqgħu fit-tifsira ta’ “vjolenza domestika”, kemm taħt il-Liġi Maltija kif ukoll taħt dik imsemmija mill-Konvenzjoni. Hemm qbil bejn il-partijiet li l-parte civile u l-akkużat kienu jgħixu flimkien fl-istess dar jew kienu f’relazzjoni kwalifikabbli informalment bħala għarajjes.

[1] https://rm.coe.int/ic-and-explanatory-report/16808d24c6 aċċessat 11/05/2022

23. Inoltre, l-"vjolenza domestika", fiż-żmien meta seħħew l-allegati reati, kienet imfissra bħala kull att ta' vjolenza, anke verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u kienet tinkludi kull ommissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lill-ħaddieħor. Din kienet definizzjoni wiesa' immens u żgur mhux eżawrejnti. Kienet titkellem fuq atti ta' vjolenza – anke verbali. Iġifieri kull att ta' vjolenza fiżika jew morali. Vjolenza ma ġietx definita biss b'riferenza għal persuna fiżika tal-vitma, iżda tinkludi wkoll vjolenza patrimonjali għall-istess vitma.

24. Bis-saħħa tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta dawn it-tifsiriet ġew iċċarati iżjed fit-tifsira tagħhom. Biss f'dan il-każ ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet u l-Avukat Ġenerali dwar li r-reati li ġie mixli bihom l-akkużat kienu jinkwadraw bħala reati li jaqgħu taħt il-klassifikazzjoni ta' vjolenza domestika.

25. L-artikolu 543(e)(f) tal-Kodiċi Kriminali viġenti jgħid hekk:

> 543.Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:
>
> l-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:
>
> Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika:
>
> Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.
>
> (f) fil-każ ta' stupru kif imfisser fl-artikolu 198 ta' dan il-Kodiċi:
>
> Iżda, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi stupru tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, kull minuri involuti, u kull terzi persuni relevanti oħra.

26. Dawn id-disposizzjonijiet iridu jiġu moqrija fid-dawl ta' dak li fil-fatt huma l-għanijiet tal-Liġi regolanti l-vjolenza domestika, nonche dawk tal-Konvenzjoni, fl-aħjar interess tal-vitmi tar-reat. Qabel xejn il-kwalifika ta' reat bħala li jaqa' taħt it-tipoloġija ta' vjolenza domestika kienet intiża sabiex toffri protezzjoni akbar lil dawk il-vitmi ta' din it-tipoloġija partikolari ta' reati li bosta drabi tolqot l-aspetti l-iżjed intimi tar-relazzjonijiet umani. Hija kwalifika intiża li toffri iżjed kenn u wens lil min ikun maħqur. Mill-banda l-oħra pero tipprova wkoll li tieħu in konsiderazzjoni l-partikolaritajiet nonche l-kumplessitajiet intrinseċi f'ċerti rapporti u relazzjonijiet umani, b'mod partikolari dawk bejn persuni li jkollhom relazzjoni intima bejniethom, u li żgur ma jistgħux jiġu mitfugħin kollha f'keffa waħda.

27. Kull relazzjoni bejn tnejn minn nies għandha l-istorja u d-dinamika tagħha. U huwa għalhekk li l-Liġi, fl-għerf tagħha, provdiet mhux biss mekkaniżmi iżjed rigorużi u pieni iżjed robusti għal min jiġi misjub ħati ta' dawn it-tip ta' reati, iżda mill-banda l-oħra provdiet ukoll proċeduri eċċezzjonali intiżi li kemm jista' jkun jipproteġu x-xewqat tal-vitmi, li xi drabi, mhux dejjem jistgħu jinftehmu li jkunu loġiċi jew ko-erenti fid-dawl tal-kumplessitajiet tar-relazzjonijiet intimi li jkunu parti minnhom. Imma żgur huwa li dawn ir-regoli huma intiżi li fejn possibbli joffru wkoll bilanċ bejn il-jeddijiet tal-vitmi, tal-akkużat u tas-soċjeta. Veru wkoll li dan il-bilanċ, mhux dejjem faċli jintlaħaq.

28. Jekk wieħed janalizza d-dibattiti parlamentari li waslu għall-promulgazzjoni tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika oriġinali, wieħed jara sewwasew il-ħsibijiet nonche l-preokkupazzjonijiet li diversi Membri Parlamentari esprimew, b'mod partikolari fl-istadju tal-Kumitat. Preokkupazzjoni kbira li espremiet in-naħa tal-Opposizzjoni ta' dak iż-żmien kienet dwar il-possibilita li jekk ir-rimedju li vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew setgħa jwassal għal ħafna pressjoni inġustifikata jekk mhux ukoll rikatti fuq il-vittmi mill-persuni li jkunu l-aggressuri biex il-vitmi jċedu l-armi u jitolbu lil Qorti twaqqaf il-proċeduri.

29. Minn naħa l-oħra, il-Membri tal-Gvern tal-ġurnata kienu argumentaw li dan ir-riskju ma kienx hemm in kwantu d-deċiżjoni tal-vitma li tagħżel li titlob li l-proċedura kriminali titwaqqaf kienet

suġġetta għall-iskrutinju prudenti tal-Ġudikant li jkun jista' jordna li l-proċeduri jissoktaw filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u l-Qorti għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ. Dan kien punt jaħraq immens matul id-dibattiti b'Membru Parlamentari tal-Opposizzjoni tisħaq li din l-emenda kienet se ddgħajjef il-ġlieda kontra l-vjolenza domestika filwaqt li n-naħa tal-Gvern argumentat li se ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-vjolenza domestika.

30. Iżda ġara li snin wara li din l-emenda kienet daħlet fis-seħħ, ġiet ukoll fis-seħħ il-Konvenzjoni u allura ġabet ukoll magħha ċerti obbligi ġodda li l-Istat Malti ried jaderixxi magħhom. Dan wassal biex saru l-emendi, inter alia, lill-artikoli 198 u 543 tal-Kodiċi Kriminali intiżi li jġibu fis-seħħ d-disposizzjoni ta' dik il-Konvenzjoni. In definittiva illum il-ġurnata, fil-każ ta' reati klassifikabbli bħala li jaqgħu taħt it-tipoloġija ta' vjolenza domestika u r-reat ta' stupru huma prosegwibbli *ex officio* fis-sens li l-Pulizija Eżekuttiva għandha s-setgħa li taġixxi wkoll mingħajr il-kwerela privata (fejn altrimenti din kienet tkun meħtieġa).

31. Issa fiż-żmien meta seħħew dawn ir-reati inklużi fl-att tal-akkuża de quo, il-Kodiċi Kriminali kien jipprovdi wkoll li reat li jinvolvi vjolenza domestika kien ukoll prosekwibbli *ex officio* mill-Pulizija Eżekuttiva, iġifieri anke mingħajr il-kwerela privata :

> Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika:
>
> Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l -awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-minuri involuti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.

32. Mill-banda l-oħra ir-reat tal-istupru taħt l-artikolu 198 tal-Kodiċi Kriminali kien definit b'mod differenti, filwaqt li kien ukoll klassifikat bħala wieħed minn dawk ir-reati fejn bis-saħħa tal-artikolu 544 tal-Kodiċi Kriminali kif kien, fil-konfront tiegħu, ma setgħux jittieħdu proċeduri kriminali, ħlief fuq talba tal-parti privata. Biss, kien hemm ukoll fis-seħħ eċċezzjoni fir-rigward ta' meta dan ir-reat ta'

stupru kien ikun kommess ukoll fl-ambitu tat-tipoloġija ta’ vjolenza domestika:

> Iżda, meta xi wieħed minn dawn id-delitti jsir bi vjolenza pubblika, vjolenza domestika kif mfissra fl-artikolu 2 tal-Att dwar Vjolenza Domestika, jew flimkien ma’ reat ieħor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata:
>
> Iżda wkoll meta fil-każ ta’ delitt li jsir bi vjolenza domestika l-azzjoni kriminali tkun tmexxiet indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata, id-disposizzjonijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 543(*e*) għandhom japplikaw ukoll għal dak il-każ.

33. Kif intqal, it-tieni proviso tal-artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali kien jipprovdi preċiżament li:

> Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta’ dan l-artikolu għal reat imsemmi f’dan il-paragrafu, vittma allegata ta’ reat li jinvolvi vjolenza domestika tista’ titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista’ tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-minuri involuti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.

34. F’dan il-każ jirriżulta li l-allegata vittma, OMISSIS1 għal iżjed minn darba, u b’iktar minn dokument miktub wieħed u fil-presenza tal-legali tagħha u xhieda oħra, mhux biss infurmat lil din il-Qorti li hija kienet qegħda tirtira l-kwerela li kienet għamlet kontra l-akkużat u li waslet għalbiex il-Pulizija Eżekuttiva tibda proċeduri kriminali kontra tiegħu li kkulminaw fl-att tal-akkuża de quo, talli segwiet dik in-nota b’talba speċifika sabiex dawn il-proċeduri jiġu mwaqfin.

35. Kif deċiż fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Norman Cascun**, deċiż nhar it-12 ta’ Diċembru 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) :

> Il-Pulizija ghandha s-setgha li tistitwixxi proceduri ex officio f’kaz ta’ kommissjoni ta’ reat/i li jinvolvu vjolenza domestika, anke minghajr il-htiega tal-kwerela tal-offiz. Dan huwa intiz sabiex jigu salvagwardati dawk id-diversi vitmi ta’ vjolenza domestika li jkunu jbghatu fis-skiet u li ma jkollhomx is-sahha u/jew ir-rieda psikologika li jipprocedu kontra l-aggressur. Kieku ma kienx ghal din id-disposizzjoni, l-ezercizzju tal-azzjoni penali f’dawn il-kazijiet ta’ vjolenza domestika ssir difficli hafna ghaliex bosta drabi l-vitmi ma jkunux iridu li jipprocedu kontra l- aggressur taghhom ghal episodji li

jsiru fi hdan l-erba' hitan tad-djar private minhabba biza ta' ritorsjoni jew ritaljazzjoni jew sempliciment ghaliex ma jkunux jafu jghixu mod iehor u jibqghu ibghatu fis-skiet.

Ghalhekk il-Ligi tat is-setgha lill-Pulizija jipprocedu ex officio f'kull kaz li jinvolvi vjolenza domestika – irrispettivament minn natura jew forma tar-reat li jinvolvi vjolenza – dment li din tkun vjolenza domestika skont l-Artikolu 2 tal-Kap 480. U dan minghajr ma l-istess Ligi tal-Vjolenza Domestika tippreskrivi tifsira ghall-kelma "vjolenza" –li allura tista tinvolvi diversi tipologiji ta' reati; u minghajr ma l-istess Ligi ssemmi jekk tali reati humiex procedibbli ad istanza tal-parti offiza jew le. Pero l-istess Artikolu 543 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi sitwazzjoni fejn il-kontinwazzjoni tal-azzjoni kriminali mibdija ex officio, (a prescindere mill-fatt jekk irreat li jinvolvi vjolenza domestika jkunx wiehed minn dawk li jehtiegu l-kwerela talparti offiza jew le – stante li l-Ligi hija siekta fuq dan) tista tigi mitmuma fuq decizjoni tal-vitma. Hawnhekk il-legislatur ried li jintroduci kwalifika ghar-regola li azzjoni kriminali istitwita ex officio tibqa' miexja indipendentement mir-recess jew remissjoni tal-parti privata sabiex fil-kazijiet ta' vjolenza domestika jissalvagwardja l-interessi supremi tar-relazzjonijiet familjari (forsi biex jipprova jsalva dak li hu salvabbli u ma jkunx hemm attrit jew peggjorament tar-relazzjonijiet interpersonali bejn membri tal-familja li flahhar mill-ahhar ikunu jridu jibqghu jghixu flimkien taht l-istess saqaf jew li jzommu lkuntest domestiku ta' bejniethom). Hawnhekk allura l-Ligi trid li tipprevali l-Grazzja fuq il-Gustizzja fl-interess suprem tal-hajja domestika u l-importanza li din ghandha filkuntest socjali tal-pajjiz. Izda l-Qorti hija akkordata, per via eccezionale, u fil-kazijiet appositi, id-diskrezzjoni li tmur kontra din ix-xewqa tal-vitma u tordna li l-proceduri kontra tal-awtur allegat jitkomplew. Fil-fehma tal-Qorti pero l-enfazi tal-Ligi f'dan il-proviso qieghed fuq lghazla tal-vitma aktar milli fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti.[11]

11 Enfasi tal-Qorti

Fil-kaz in disamina, l-akkuzi de quo huma kollha procedibbli ex officio ad eccezzjoni. Ilvitma f'dan il-kaz wara li giet debitament imwissija mill-Qorti, insistiet li hija trid tahfer lill-imputat, riedet tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tieghu u minhabba diversi ragunijiet (possibilment inkluz dak lissalva z-zwieg u l-familja taghha) xtaqet li ma tixhedx kontra tal-imputat. Din id-decizjoni tolqot il-proceduri kontra l-awtur allegat zgur ghal dawk li huma r-reati kommessi fil-kuntest ta' vjolenza domestika kif imfissra aktar il-fuq. Ghalhekk la darba l-vitma ta' episodju li jinvolvi vjolenza domestika qed taghzel li taghmel it-talba lill-Qorti sabiex twaqqaf il-proceduri kontra tal-awtur allegat – il-Qorti tqis li ghandhom ikunu l-proceduri kriminali li jitnisslu mill-fatt ta' vjolenza domestika li semmai jistghu jitwaqfu f'dan l-istadju. (vide ghal dan l-ghan bl-istess ragunament is-sentenza fl-ismijeit Il-Pulizija (Spettur Daryl Borg) vs Jerken Decelis. [12]

12 Deciza 22 ta' Settembru 2013 mill-Qorti tal Magitrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per l-allura Magistrat Dr Aaron Bugeja

36. Fattur ieħor li l-Liġi trid tħares huma iffukat fuq il-jeddijiet tal-vitmi li ma jkunux suġġetti għal rivittimizzazzjoni jew trawmatizzazzjoni multipla. Daqskemm il-Konvenzjoni trid li kemm jista' jkun jiġu prosekwiti każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika, daqstant ieħor ma tridx li dawn il-proċeduri jkunu ta' detriment għall-istess vittmi li f'isimhom u fl-interess suprem tagħhom saret din il-Konvenzjoni. Il-Liġi Maltija imsemmija iżjed il-fuq tipprova li toħloq dan il-bilanċ bil-mekkaniżmi legali imsemmija fl-artikolu 543(e)(f) tal-Kodiċi Kriminali.

37. Oltre minn hekk l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni u l-Liġi Maltija għandha ssir ukoll b'rispett lejn il-jeddijiet proċedurali tal-akkużat. Il-protezzjoni tal-vitmi, għalkemm hija importantissima, mill-banda l-oħra ma tistax topera b'mod li jiġu mxejna l-jeddijiet ta' smiegħ xieraq tal-persuna akkużata.

38. Mill-banda l-oħra pero, l-**Explanatory Memorandum** għall-Konvenzjoni jixħet ftit iżjed piż lill-posizzjoni tal-vitma:

Article 55 – Ex parte and ex officio proceedings

279. Conscientious of the particularly traumatising nature of the offences covered by this article, the drafters sought to ease the burden which lengthy criminal investigations and proceedings often place on the victims while at the same time ensuring that perpetrators are brought to justice. The aim of this provision is therefore to enable criminal investigations and proceedings to be carried out without placing the onus of initiating such proceedings and securing convictions on the victim.

280. Paragraph 1 places on Parties the obligation to ensure that investigations into a number of categories of offences shall not be "wholly dependant" upon the report or complaint filed by a victim and that any proceedings underway may continue even after the victim has withdrawn her or his statement or complaint. The drafters decided to use the terms "wholly dependant" in order to address procedural differences in each legal system, bearing in mind that ensuring the investigations or prosecution of the offences listed in this article is the responsibility of the state and its authorities. In particular, the drafters were of the opinion that acts resulting in severe bodily harm or deprivation of life must be addressed promptly and directly by competent authorities. The fact that many of the offences covered by this Convention are perpetrated by family members, intimate partners or persons in the immediate social environment of the victim and the resulting feelings of shame, fear and helplessness lead to low numbers of reporting and, subsequently, convictions. Therefore, law enforcement

authorities should investigate in a proactive way in order to gather evidence such as substantial evidence, testimonies of witnesses, medical expertise, etc., in order to make sure that the proceedings may be carried out even if the victim withdraws her or his statement or complaint at least with regard to serious offences, such as physical violence resulting in death or bodily harm.

281. Paragraph 1 of this article is open to reservations in respect of Article 35 regarding minor offences, pursuant to Article 78, paragraph 2, of this Convention. The drafters wished to make a clear distinction between serious offences of physical violence resulting in severe bodily harm or deprivation of life which would be then excluded by this possibility of reservation and other, minor, offences of physical violence which do not lead to such consequences. However, it is left to Parties to determine what constitutes "minor offences" of physical violence.

282. With a view to empowering victims and to encouraging them to go through with criminal proceedings, paragraph 2 requires Parties to ensure that victim organisations, specifically trained domestic violence counsellors or other types of support/advocacy services may assist and support victims during investigations and judicial proceedings. Good practice examples have shown that victims who are supported or assisted by a specialist support service during investigations and proceedings are more likely to file a complaint and testify and are better equipped to take on the emotionally challenging task of actively contributing to the outcome of proceedings. The type of service which this paragraph refers to is not of a legal, but a practical/psychological nature. It includes psychologically/emotionally preparing victims to endure testifying in front of the accused, accompanying victims to court and/or assisting them in any other practical and emotional way.

39. Dan juri kemm hija verament diffiċli li jintlaħaq bilanċ ġust f'din it-tipoloġija ta' reati fejn il-kontrapposizzjoni bejn il-jeddijiet tal-vitmi u dawk tal-akkużati huma markati immens. Dan joħroġ ukoll mill-kitba ta' Konul Derya Gasimova fil-pubblikazjoni : **Guideline on Gender-Sensitive Approach for Adjudicating Gender Based Violence Cases**[2] jekk mhux ukoll minn suġġerimenti li jsiru dwar kif jistgħu jitħares dan il-bilanċ, fejn ċerti suġġerimenti proċedurali li jsiru f'dan il-qasam għadhom ukoll, sa ċertu punt, aljeni għax-xenarju proċedurali Malti. Gasimova tgħid hekk:

Victim safety and well-being are paramount goals of criminal justice response. A victim-centred approach to criminal justice system responses recognises that victims are central participants in the criminal justice

[2] Kummissjonata mid-**Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit** li hija l-aġenzija ewlenija Governattiva Ġermaniża li għandha l-kwartieri tagħha f'Bonn u Eschborn u li tipprovdi servizzi fil-qasam tal-iżvilupp u koperazzjoni internazzjonali.

process, and they deserve timely, compassionate, respectful and appropriate treatment. Victims have the right to be well informed in order to make their own decisions about participation in all the stages of the criminal justice process. Victims know what they need and the risks they face. The criminal justice system response is to assist them in managing risk and ensuring victim safety. The criminal justice system, with all its procedural rules and policies, should be applied in a manner that empowers individual women who are victims of violence. Domestic violence, rape and sexual assault, sexual harassment and other forms of VAW often deprive women of their sense of control, autonomy, self-respect and personal privacy. The criminal justice system should seek to restore and reinforce those qualities, while avoiding measures that re-victimize the victim. Respecting victims' rights and having a gendered understanding when dealing with VAW, including domestic violence, are core principles to be taken into consideration at all stages of the criminal proceedings. Judges examining VAW cases should take due account of social, psychological, economic and cultural barriers in front of the victims. Application of victim-centred approach is not limited to the criminal justice system. This approach should be applied in all sectors where the State deals with VAW or victims of VAW, including the civil justice system. For example, Article 31 of the Istanbul Convention requires the States to ensure that, in the determination of custody and visitation rights of children, incidents of VAW are taken into account; and that the exercise of any visitation or custody rights does not jeopardise the rights and safety of the victim or children.

Measures to be taken to avoid secondary victimisation Trial and trial-related practices often discourage victims from testifying and re-traumatize those who choose to do so. Even for those victims who are motivated to testify, trials can be an emotionally difficult experience for them as well as putting them at further risk of violence. A victim's unease during criminal proceedings could be related to: - unfamiliarity with the legal process; - uncertainty as to whether she may be required to testify at trial, her shame and embarrassment of having to testify about intimate details in a public forum; - fear of being in close proximity to the perpetrator and his family; - fear of being harassed by the defendant in abusive cross examination.

Justice actors dealing with VAW cases should consider requesting/applying special measures which may facilitate a victim's participation in the proceedings. Thus, the Istanbul Convention requires, that: - Legal professionals were aware of the dynamics of VAW and ensure that the victim is informed about the legal proceedings and has the necessary protection measures are in place (Article 56) - The use of insensitive or victim-blaming language or presenting irrelevant evidence relating to the sexual history or other conduct of the victim is not allowed in court proceedings (Article 54) - - Possibility for governmental and non-governmental organisations and domestic violence counsellors to assist and/or support victims, at their request, during investigations and judicial proceedings is ensured (Article 55.2) The ECHR as interpreted by the European Court also requires adoption of a sensitive approach to victims of VAW during criminal proceedings and avoiding secondary victimisation

.....

Criminal justice response to the violence against women: trial phase Private matter or matter of public interest? As it was discussed earlier, stereotypes and false perceptions are one of the obstacles that victims of VAW face in accessing justice (see “Stereotyping, judicial stereotyping and false perceptions” section of this Guidelines). A belief that certain forms of gender-based violence (for example, domestic violence or forced marriage) are a private matter and that other people or the state should not interfere is one of the false perceptions. The high costs of violence also underline that gender-based violence is a social, a public and no longer a private problem, and that it urgently needs to be addressed, as society as a whole, governments, individuals, organisations and businesses pay for it.34 The ECHR as interpreted by the European Court requires the States to take active measures against acts of VAW. In the case of Opuz v. Turkey, the European Court noted, as regards the Government’s argument that any further interference by the national authorities would have amounted to a breach of the victims’ rights under Article 8 of the Convention, its ruling in a similar case of domestic violence, (Bevacqua and S. v. Bulgaria, 12 June 200835), where it held that the authorities’ view that no assistance was required as the dispute concerned a “private matter” was incompatible with their positive obligations to secure the enjoyment of the applicants’ rights. The European Court added that, in some cases, the national authorities’ interference with the private or family life of the individuals might be necessary in order to protect the health and rights of others or to prevent commission of criminal acts.

The seriousness of the risk to the applicant’s mother rendered such intervention by the authorities necessary in the present case. Evidence issue Typically, behaviour of victims of VAW differs from that of victims of other violent crimes. In particular, victims of VAW may display, inter alia, the following:

● being ashamed or embarrassed of what they have experienced, especially in cases of sexual abuse or rape

● being ashamed or embarrassed to reveal details of their intimate life

● reluctance to complain against their perpetrators

● fear of retaliation by their perpetrators

● fear of being rejected by their families and communities if what they have experienced is revealed

● emotional attachment to their perpetrators

● self-blaming

These differences in behaviour pose specific evidentiary problems and require special responses. Besides, proceedings concerning VAW must be free from influence of gender-based stereotypes (for example, stereotypes about how a woman should behave and dress, prejudices related to her sexual history). In situations where the child victim of VAW does not want

to testify or it is considered too traumatic for the victim, it is necessary to consider whether the victim’s out-of-court statements could be accepted (see: the sections on Measures to be taken to avoid secondary victimisation and Balancing of the rights of the present Guidelines).

Here is some of the particular issues related to evidence in VAW cases.

● Using expert witnesses Generally speaking, issues that give rise to the need for expert testimony in cases involving VAW include the following:

- Issues relating to popular myths regarding violence against women

- Issues relating to the victim’s perplexing behaviour (i.e. behaviour caused by post-traumatic stress disorder, dynamics of domestic violence or sexual abuse)

- Issues relating to medical and forensic issues such as DNA evidence, criminalist work (serology, fingerprints), sexual assault nurse examiners, physicians, etc.

Expert witnesses can explain common victim behaviour, the effects of violence on victims and assist fact finders in evaluating their credibility when the victims’ actions might not be what judges or jurors expect. In absent-victim prosecutions, expert witnesses can explain why the victim is hostile or reluctant to participate. The expert witness can also explain patterns of typical behaviour consistent with battered women’s syndrome.

● Limiting reference to sexual history and conduct of the victim Many jurisdictions prohibit

- by adopting so-called rape shield laws

- the introduction of evidence of the victim’s sexual behaviour that is unrelated to the incident being prosecuted.

Typical rape shield laws provide that in a prosecution of rape, reputation or opinion evidence of the alleged victim’s prior sexual conduct is not admissible. The prohibition in question serves to prevent the defence from abusing the criminal justice system to harass the victim. This is also to rebut the traditionally held notion that a woman who has consented to sex previously is more likely to have consented to the incident in question.

Even in the absence of a specific rape shield law reference to sexual history of the victim only be permitted only when it is relevant and necessary (Article 54 of the Istanbul Convention).

● No adverse inference from delay in reporting should be drawn and delay should not be held against the victim and her credibility. It is not uncommon for women victims of violence to delay reporting the violence to the authorities. There can be legitimate reasons why the victim chooses to delay reporting, and an expert witness can be called to explain this behaviour. Balancing of the rights Judicial practice or existing procedural requirements often lead to decisions that are not victim friendly, which results in further traumatisation, alienating victims from the process and sometimes leading them to withdraw the complaint or to be uncooperative.

For example, evidentiary rules may allow cross-examination on sexual or personal history, require corroboration or allow for adverse inference resulting from delayed reporting (for more detailed review of harmful judicial practices and existing procedural requirements see “Evidentiary issues” chapter of the present Guidelines).

Protection of a defendant’s right to fair trial is crucial in criminal proceedings. But that does not mean that the rights and interests of victims might be overlooked. assessment of fairness of criminal proceedings presupposes due regard to the rights of the defence but also to the interest of the public and the victims in seeing crime properly prosecuted and, where necessary, to the rights of witnesses. The ECHR as interpreted by the European Court requires that a victim of VAW be provided with the protection necessary to strike an appropriate balance between her rights and interests, including her right to have her intimate aspects of life respected, and the defence rights of an alleged perpetrator...

Use of absent-witness statements

Normally a defendant should have an opportunity to question a witness against him/her during the trial, including a victim. That is one of the principles of the fair trial. However, as was discussed above, a victim of VAW may be absent from the trial and unavailable for crossexamination in the courtroom. Under certain conditions out-of-court statements of a nonattending witness can be accepted without breaching a defendant’s right to fair trial. Thus, according to the European Court’s approach in Schatschaschwili v. Germany [GC], it is necessary to answer to the following questions in order to assess fairness of the proceedings in which statements made by a witness who had not been present and questioned at the trial were used as evidence:

1. Whether there was a good reason for the non-attendance of the witness and, consequently, for the admission of the absent witness’s untested statements as evidence? In VAW cases a judge may consider that avoidance of the victim’s traumatisation could serve as a good reason for not insisting on her attendance at the trial.

2. Whether the evidence of the absent witness was the sole or decisive basis for the defendant’s conviction? Whether the evidence of the absent witness carried significant weight for the defendant’s conviction?

In cases in which the evidence given by an absent witness was the sole or the decisive basis for the applicant’s conviction, and in cases in which it was unclear whether the evidence in question was the sole or decisive basis but nevertheless the evidence in question carried significant weight and its admission might have handicapped the defence it is necessary to review the existence of sufficient counterbalancing factors. The extent of the counterbalancing factors necessary in order for a trial to be considered fair will depend on the weight of the evidence of the absent witness.

3. Whether there were sufficient counterbalancing factors, including strong procedural safeguards, to compensate for the handicaps caused to the defence as a result of the admission of the untested evidence and to ensure that the trial, judged as a whole, was fair?

Counterbalancing factors must permit a fair and proper assessment of the reliability of the untested evidence of an absent witness. Here are some of those safeguards:

- The courts must show that they are aware that the statements of the absent witness carry less weight.

- The courts must provide detailed reasoning as to why they considered that evidence to be reliable, while having regard also to the other evidence available.

- To show, at the trial hearing, a video recording of the absent witness's questioning at the investigation stage in order to allow the court, prosecution and defence to observe the witness's demeanour under questioning and to form their own impression of his or her reliability.

- Availability at the trial of corroborative evidence supporting the untested witness statement. Such evidence may comprise, inter alia, statements made at the trial by persons to whom the absent witness reported the events immediately after their occurrence, further factual evidence secured in respect of the offence, including forensic evidence, or expert opinions on a victim's injuries or credibility.

- Supporting an absent witness's statement could be the fact that there were strong similarities between the absent witness's description of the alleged offence committed against him or her and the description, given by another witness with whom there was no evidence of collusion, of a comparable offence committed by the same defendant. This holds even more true if the latter witness gave evidence at the trial and that witness's reliability was tested by cross-examination.

- The possibility offered to the defence to put its own questions to the witness indirectly, for instance in writing, in the course of the trial.

- To have given the alleged perpetrator or defence counsel an opportunity to question the witness during the investigation stage. Where the investigating authorities had already taken the view at the investigation stage that a witness would not be heard at the trial, it was essential to give the defence an opportunity to have questions put to the victim during the preliminary investigation

- The defendant must further be afforded the opportunity to give his own version of the events and to cast doubt on the credibility of the absent witness, pointing out any incoherence or inconsistency with the statements of other witnesses.

- Where the identity of the witness is known to the defence, the latter is able to identify and investigate any motives the witness may have for lying, and

can therefore contest effectively the witness's credibility, albeit to a lesser extent than in a direct confrontation.

40. Din il-kitba turi kemm huwa diffiċli li, fil-prattika, jintlaħaq dan il-bilanċ tant delikat.

41. F'dan il-każ allura tirriżulta realta fattwali u legali partikolari fejn il-vitma, kemm minn dak li stqarret hi bil-ġurament quddiem din il-Qorti, kif ukoll minn dak li rriżulta mill-provi f'dan il-każ, kienet sofriet ħsara fiżika u wkoll mentali. F'dan l-istadju tal-proċeduri, fejn allura wasal biex jiġi ċelebrat il-ġuri, ix-xhud ewlenija, u determinanti tal-Prosekuzzjoni, qegħda tinforma lil din il-Qorti, ripetutament, li rtirat il-kwerela tagħha u riedet li l-proċeduri kontra l-akkużat jitwaqfu tant li għamlet talba f'dan is-sens lil din il-Qorti.

42. Din il-Qorti ma qagħditx biss mal-ewwel nota u dikjarazzjoni ġuramentata li preżentat il-parte civile. Din il-Qorti riedet taċċerta sewwasew mal-istess parte civile x'kienet ir-raġuni għaliex qegħda tagħmel din it-talba f'dan l-istadju. Riedet tara ftit l-imġieba u l-kondotta ta' din ix-xhud fuq il-pedana tax-xiehda biex tkun tista' tevalwa sewwasew kemm it-talba tagħha kienet ġenwina jew kemm setgħet kienet motivata minn raġunijiet oħrajn jew jekk kienetx tidher mhedda jew sfurzata jew għal xi raġuni oħra imġegħla tagħmel dawn l-istqarrijiet u talbiet. Fi ftit kliem riedet taċċerta, kemm umanament possibbli, li l-biżgħat ġusti ravviżati minn ċerti Membri Parlamentari matul id-dibattiti parlamentari setgħu jiġu mistħarġa u indirizzati.

43. Biss minn dak li setgħet tara din il-Qorti, it-talba tagħha dehret li kienet ġenwina. Il-motivazzjoni tagħha kienet dik li ma tkomplix issofri l-konsegwenzi tal-akkadut. Ma tridx li terġa tkompli tiftaħ feriti li r-relazzjoni li kellha mal-akkużat ħallitilha. Fi ftit kliem ma riedetx tkun vitma għal darb'oħra, suġġetta għal trawma, għal darb'oħra. Tistqarr li r-relazzjoni mal-akkużat spiċċat u ma għadx fadlilha ebda rabta miegħu la personali, u l-anqas patrimonjali. Ma kienx hemm tfal bejniethom. Ma tridx li l-progress psikoloġiku li għamlet jispiċċa fix-xejn meta jkollha terġa titla' tixhed viva voce jew bil-mezzi tal-video-conference. Ma tridx terġa tirrakkonta l-istejjer li għaddiet minnhom in eżami kif ukoll in kontro-eżami. Fi ftit kliem trid timxi l-quddiem f'ħajjitha u dan l-episodju trid titfgħu wara darha u tinsieħ. Dawn huma wħud mill-kunsiderazzjonijiet li jidhru joħorġu ċari kemm minn dak mistqarr fl-**Explanatory Memorandum** tal-

Konvenzjoni kif ukoll mill-kitbiet akkademiċi fuq dan is-suġġett dwar dak li jaħsbu il-vitmi.

44. Mill-banda l-oħra dawn huma proċeduri ta' natura kriminali u jsewgu regoli preċiżi ta' proċedura li ma jistgħux jiġu mwarba jew mgħawġa. Dan il-każ huwa skedat li jinstema' minn ġurija popolari – u stando mal-istqarrijiet magħmula mill-akkużat s'issa hekk jidher li hija l-intenzjoni tiegħu - u li quddiemha l-Prosekuzzjoni tkun trid tressaq l-aqwa u l-aħjar provi kemm favur kif ukoll kontra l-akkużat. Bla dubju ta' xejn, ix-xhud ewlenija hija l-parte civile li, kif ingħad, għalkemm xehdet fl-istruttorja, skont ir-regoli proċedurali viġenti, xorta waħda, bħala regola, tkun trid tixhed viva voce matul il-kors tal-ġuri. Verament li l-artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li:

> (2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:
>
> Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8).

45. Iżda f'dan il-każ, il-ħsara psikoloġika prolungata u estiża li qegħda tibża minnha l-parte civile mhix biss marbuta mal-fatt li tkun trid tixhed – ħaġa li del resto tista' tiġi trattata skont l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali - iżda anke l-fatt innifsu li dan il-każ għadu miftuh kontra l-akkużat kien sors ta' trawma u ħsara psikoloġika għaliha. It-tweġiba tal-parte civile hija ċara kristall:

> **ZA**: laqqas xejn. Din id-decizjoni jien hadtha kif ghidt ma rridx inkompli proceduri mieghu ghax il-kaz irrid naghlqu ma rridx igifieri niftah il-kapitli mill-gdid igifieri irrid naghlqu min-naha tieghi m'hemmx irbit ta' xejn.

46. Bħal dak li l-parte civile stqarret fl-istruttorja, anke dawn huma stqarrijiet bil-ġurament magħmula quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali. B'hekk dawn l-istess dikjarazzjonijiet u stqarrijiet bil-ġurament, jekk din il-Qorti tordna li l-każ jitkompla, inkluż quddiem il-ġurija popolari, din għandha l-jedd li tkun infurmata bihom ukoll. Del resto din hija l-allegata vitma nnifisha li qegħda tistqarr dan kollu, minn jeddha, mingħajr ma ħadd ma ġegħlha u wara li ħadet ukoll diversi pariri professjonali.

47. Naturalment, din il-Qorti trid ukoll twieżen ukoll mhux biss jekk it-talba tal-parte civile tiġi milqugħa, iżda wkoll jekk hux fl-interess pubbliku u dak tal-Ġustizzja li t-talba tal-parte civile tiġi miċħuda u l-proċedura penali titkompla, kemm fid-dawl ta' dawn it-talbiet tal-parte civile u l-istqarrijiet ġuramentati tagħha li jimmilitaw kontra li din il-proċedura titkompla, kemm jekk jiġu meqjusa wkoll fid-dawl tal-interessi tar-Repubblika ta' Malta li l-każ de quo jkompli jiġi prosekwit, u kemm jekk dan jiġi wkoll magħqud mal-fatt li l-akkużat fi proċeduri kriminali għandu wkoll il-jeddijiet proċedurali tiegħu li jridu jiġu mħarsa, fosthom li dan il-proċess isegwi l-proċeduri kriminali ordinarji ta' dan il-pajjiż fi żmien raġonevoli.

48. Din il-Qorti trid tqis ukoll kemm, f'dan ix-xenarju probatorju emerġenti, jkun fl-interess pubbliku wkoll li l-Istat jisskota biċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, bil-ħin, sforzi, impenji u l-ispejjeż li dan iġorr miegħu, meta r-riżultanzi probatorji attwali jżidu sew mal-inċertezza intrinseka fil-verdett aħħari f'kull proċedura penali, b'mod partikolari dik fis-sistema tal-Ġuri.

# DECIDE

Meta tqis kollox, din il-Qorti jidhrilha li t-talba tal-parte civile għandha tiġi milqugħa biex b'hekk il-proċeduri penali istitwiti bis-saħħa tal-Att t'Akkuża numru 1 tal-2020 jieqfu f'dan l-istadju.

Fid-dawl ta' dan il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess proċeduri.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**